A.L. 226 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Infurzar ta' diversi Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja dwar is-Sigurtà fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Infurzar ta' diversi Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Titolu.

2. "Att" tfisser l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Tifsiriet.

3. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal regolamenti li ġejjin ta' l-Unjoni Ewropeja: Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti.

3.1 Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-*welfare* ta' l-annimali. Kontrolli uffiċjali.

3.2 a. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel; Iġjene fl-ikel.

b. Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April, 2004 Dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel;

3.3 a. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel; Kontaminanti.

b. Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru, 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel;

ċ. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru. 1126/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jistabbilixxi l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel fir-rigward ta' tossini *Fusarium* fil-qamħirrun u l-prodotti tal-qamħirrun;

d. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2008 tat-18 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jistabbilixxi livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel fir-rigward ta' l-iffissar ta' livell massimu għal dijossini u PCBs fil-fwied tal-ħut;

e. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 629/2008 tat-2 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel.

Metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti ta' l-ikel.

3.4 a. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 401/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti ta' l-ikel;

b. Id-Deċiżjoni tal-Kummisjoni tat-12 ta' Lulju 2006 Nru 2006/504/KE dwar kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw ċerti oġġetti ta' l-ikel impurtati minn ċerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-aflatossini;

ċ. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1882/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' nitrati f'ċerti oġġetti ta' l-ikel;

d. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1883/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistipola metodi ta' ksib tal-kampuni u l-analiżi għal-livelli uffiċjali ta' kontroll tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini f'ċerti oġġetti ta' l-ikel;

e. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti ta' l-ikel.

Hwawar.

3.5 a. Ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel;

b. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 tat-18 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-adozzjoni ta' programm ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

ċ. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2002 tal-11 ta' April 2002 li jistabbilixxi t-termini perentorji għas-sottomissjoni tat-tagħrif sabiex jiġu evalwati s-sustanzi tat-taħwir bi struttura kimika definita wżati ġewwa jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel;

d. Ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel ;

e. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 627/2006 tal-21 ta' April, 2006 li jimplimenta regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kriterji ta' kwalità għal validità ta' metodi analitiċi għat-teħid ta' kampjuni, identifikazzjoni u karatterizazzjoni ta' prodotti primarji għat-taħwir bl-affumikazzjoni.

Ikel Ġdid.

3.6 a. Ir-Regolament (KE) Nru. 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ta' l-ikel il-ġdid;

b. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 li jikkonċerna l-ittikkettjar ta' ikel u ingredjenti ta' l-ikel b'fitosteroli miżjuda, esteri fitosteroli, fitostanoli u/jew esteri fitostanoli.

Organiżmi modifikati genetikament.

3.7 a. Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament;

b. Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE;

ċ. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 ta' l-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament;

d. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/2004 tas-6 ta' April 2004 dwar regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

rigward l-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ikel u l-għalf ġdid ġenetikament modifikat, in-notifika ta' prodotti eżistenti u preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' materjal ġenetikament modifikati li bbenifika minn valutazzjoni tar-riskju favorevoli;

e. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar regoli dettalljati għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-laboratorju Komunitarju tar-referenzi għall-organiżmi mmodifikati ġenetikament ;

f. Ir-Regolament (KE) Nru 298/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.

Kriterji Mikrobiologiċi.

3.8 Ir-Regolament (KE) Nru. 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobiologiċi fl-ikel.

Materjal li jiġi f'kuntatt ma' l-ikel.

3.9 a. Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE;

b. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1895/2005 tat-18 ta' Novembru 2005 dwar ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' ċerti epoksi derivati fil-materjali u fl-artikoli li huma intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' l-ikel;

ċ. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar prassi tajba ta' manifattura għal materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel;

d. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2008 tas-27 ta' Marzu 2008 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006;

e. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 372/2007 tat-2 ta' April 2007 li jistabbilixxi limiti ta' migrazzjoni tranżizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel;

f. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 597/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 372/2007 li jistipula limiti ta' migrazzjoni tranżizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotjien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel.

Ikel iffriżat malajr.

3.10 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 37/2005 tat-12 ta' Jannar 2005 fuq il-monitoraġġ tat-temperatura fuq mezzi ta' trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel *quick-frozen* għall-konsum uman;

Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel.

3.11 a. Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel;

b. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 353/2008 tat-18 ta' April 2008 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' saħħa kif stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel.

3.12 Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel.

Prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

3.13 Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

Tikkettjar ta' ċanga u prodotti taċ-ċanga.

3.14 a. Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar ittikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill;

b. Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1825/2000 tal-25 ta' Awissu 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettjar taċ-ċanga u tal-prodotti taċ-ċanga.

Miżuri ta' Emerġenza.

3.15 a. Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 884/2007 tas-26 ta' Lulju 2007 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-użu ta' E 128 Aħmar 2Ġ bħala kulur alimentari;

b. Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 601/2008 tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar miżuri protettivi li japplikaw għal ċerti prodotti tas-sajd importati minn Gabon u li huma intenzjonati għall-konsum uman.

Offiżi u Penali.

4. Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-ksur tad-dispożizzjonjiet ta' regolamenti magħmula taħt l-Att għandhom japplikaw dwar il-ksur ta' l-imsemmija regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja.